MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 344/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Miriam Cassar**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm324.74) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 677993 (skond kif jirrizulta minn 'statement' Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond 141, Sanctuary Street, Zabbar, u dana skond ma kif jidher mill-kopja ta' applikazzjoni mmarkata Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Ottubru, 2002, fejn il-PL Noel Scerri nforma lill-Qorti li s-sorte thallas u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-11 ta’ Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.